**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**Illum, 10 ta' Ottubru 2022**

**IL-PULIZIJA**

**kontra**

**ALEXANDER ANTHONY GIALANZE WHITEFORD**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Alexander Anthony Gialanze Whiteford,** iben Alexander Frame Whiteford Bellshill u Carmela *nee'* Gialanze, mwieled l-Ingilterra, nhar id-29 ta' Novembru, 1982, minghajr indirizz fiss, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 44501L senjatament akkuzat talli;

1. Nhar it-28 ta' April, 2022, ghall-habta ta' 00:30*hrs* ta' filghodu gewwa l-kamra bin-numru 301 tal-*Alborada Hotel* sitwata gewwa Triq il-Kbira, Sliema, kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija

giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu d-droga erojina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;
3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu d-droga erojina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-

droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta minghajr ma kellu licenzja taht l-istess Att; Artikoli 5(1), 51(2) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi u fiz-zminijiet ta' qabel gewwa l-gzejjer Maltin naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali (Malta) l-Onor. Imhallef Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D., fid-digriet tieghu tas-17 ta' Frar, 2022, li bih inghata l-helsien mill-arrest; Artikolu 579(1)(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Talli fl-istess dati, lok, hin, u cirkostanzi u fiz-zminijiet ta' qabel gewwa l-gzejjer Maltin naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali (Malta) l-Onor. Imhallef Dottor Edwina Grima fid-digriet taghha tal-15 ta' Frar, 2022, li bih inghata l-helsien mill-arrest; Artikolu 579(1)(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. Talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi u fiz-zminijiet ta' qabel gewwa l-gzejjer Maltin naqas milli jhares il-kundizzjonijiet impost fuqu mill-Qorti Kriminali (Malta) l-Onor. Imhallef Dottor Edwina Grima fid-digriet taghha tad-9 ta' Frar, 2021, li bih inghata l-helsien mill-arrest, Artikolu 579(1)(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
9. Talli fl-istess dati, hinijiet, lok, u cirkostanzi kiser il-provvediment ta' sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., datata 15 ta' Gunju, 2021, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;
10. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi moghtija fil-konfront tieghu, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi w ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikoli 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384, 385, u 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti processwali kollha tal-kaz odjern u d-dokumenti esebieti;

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali, *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta), li permezz tal-istess Ordni, ordna li l-imputat titressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu[1];

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

**A. <u>Fatti tal-kaz</u>**

Illi mill-provi mressqa jirrizulta li iktar kmieni din is-sena l-qua imputat Gialanze Whiteford kien qed jigi mfittex mill-pulizija in konnessjoni ma' ksur ta' kundizzjonijiet ta' helsien mill-arrest imposti mill-Onor. Imhallef Dr. Aaron Bugeja l-ghaliex ma kienx qed jiffirma gewwa l-ghassa u lanqas ma kien qed jattendi ghas-seduti ffissati mill-Qorti u l-appuntamenti mghotija mill-probation officer. Nhar is-27 t'April 2022, il-pulizija giet infurmata li l-qua imputat kien qed joqghod gewwa l-lukanda – Alborada Hotel, gewwa tas-Sliema. Zewgt ufficjali tal-Pulizija fi hdan ir-Rapid Intervention Unit (PS674 Nigel Mallia u PC1110 Dio Mario Fenech) nghataw struzzjonijiet sabiex jaccedu fl-istess lukanda, f'kamra numru 301, madanakollu din it-tfittxija tat rizultati negattivi. Iktar tard f'dak il-lejl ghall-habta tan-nofs siegha ta' filghodu u cioe' tat-28 t'April 2022, l-istess ufficjali regghu marru jaghmlu tfittxija fl-istess kamra fejn hemmhekk sabu lil qua imputat jittaqqab b'siringa. Il-pulizija ordnawlu sabiex jieqaf u huwa kkopera mal-pulizija. Hemm hekk huwa gie arrestat.

Minn tfittxija li saret fl-istess kamra gewwa Alborada Hotel minn PS1390 Antoine Muscat u PC1171 Clayton Mangion, instabu ammont sostanzjali ta' flus kontanti fl-ammont totali ta' Eur. 2,495; zewgt imwiezen; sachets tad-droga (suspettati li kienu kontenenti s-sustanzi kokaina u eroina) u oggetti

[1] Fol. 24 tal-atti processwali

ohra relatati mad-droga. Fl-istess kamra, gewwa kexxun fil-kitchenette instabet arma tan-nar.

Permezz ta' stqarrija awdjoviziva[2] (wara li kkonsulta ma avukat), l-imputat ammetta li s-sustanzi li nstabu fil-kamra gewwa l-lukanda kienu kollha tieghu u kienu intizi ghall-uzu personali tieghu. Rigward l-arma tan-nar huwa kien qal li kien ghaddhielu siehbu sabiex jirrangahielu. Huwa kkonferma ukoll li ma kienx qed jottempra ruhu mal-kundizzjonijiet impost mill-Qorti ai fini ta' helsien mill-arrest.

## B. <u>Kunsiderazzjonijiet dwar htija</u>

Illi l-ewwel erbgha imputazzjonijiet jirrigwardjaw pussess ta' sustanza illegali u dan bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Permezz tal-ewwel imputazzjoni huwa qed jigi akkuzat b'pussess aggravat tas-sustanza kokaina, it-tieni imputazzjoni tirrigwarda l-pussess aggravat tas-sustana eroina, it-tielet tikkoncerna pussess semplici tad-droga kokaina filwaqt li r-raba' imputazzjoni tirrigwarda l-pussess semplici tas-sustanza eroina. Mill-provi pprezentati jirrizulta li s-sustanza imsemmija instabet gewwa kamra li fiha kien l-imputat wahdu. Adirittura, l-imputat instab mill-pulizija filwaqt li kien qed jingetta xi sustanza f'idu permezz ta' siringa. L-imputat qatt ma kkontesta li l-imsemmija sustanzi kienu fil-pussess fiziku tieghu. Fil-fatt il-pussess huwa ammess mill-imputat.

Stabbilit dan isegwi li din il-Qorti trid tiddetermina jekk il-pussess tas-sustanzi illeciti kienx wiehed intiz esklussivament ghall-uzu tal-qua imputat jew xort'ohra.

Mir-relazzjoni tax-xjenzat Godwin Sammut jirrizulta li:

a) *Illi fuq swabs mehuda mill-imgharfa li hemm fid-dokument LX4 instabu s-sustanzi caffeine, acetaminophen, u heroine.*
b) *Illi fuq estratt mehuda mis-sustanza ta' lewn bajda u kannella li hemm fid-dokument LX4 instabu s-sustanzi cocaine, caffeine, acetaminophen u heroin. Il-piz total kien ta' 1.2g. L-eroina u l-kokaina huma kkontrollati bil-ligi that l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*
c) *Illi fuq estratt mehuda mit-trab ta' lewn kannella li hemm fid-dokument LX5 instabu s-sustanzi caffeine, acetaminophen u heroin.*

---

[2] Dok LZX

*d) Illi fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokument LX6, LX8 u LX9 instabet is-sustanza cocaine. Il-piz tat-trab kien ta' 2.56 grammi u l-purita' kienet ta' circa 40%.*
*e) Illi fuq estratt mehuda mill-pipa li hemm fid-dokument LX7 instabet is-sustanza cocaine.*
*f) Illi fuq estratt mehuda mill-imwiezen li hemm fid-dokument LX10 instabet is-sustanzi cocaine u heroin.*[3]

Minn dawn il-konkluzzjonijiet jirrizulta li l-ammont tad-droga misjuba ma kienx wahda sostanzjali – 1.2g u 2.56g. Ma huwiex ikkontestat bejn il-partijiet li l-imputat jikkonsma sustanza illecita b'mod konsiderevoli.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet: Il-**Pulizija vs. Ernest Briffa**[4] (anke b'referenza ghal sentenzi ohra) ddikjarat is-segwenti:

> *"Dwar l-ammont ta' droga, dan ghandu jitqies fid-dawl tac-cirkostanzi kollha li fihom tali droga tkun instabet. Fl-Appell Kriminali Il-Pulizija v. Noel Borg deciz fit-12 ta' Frar 2009 intqal:*
>
> > *'Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Marius Magri' [12.5.2005], dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio" [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri" [2.9.1999].)*
> >
> > *Illi pero` kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-*

[3] Fol. 120 tal-atti processwali.
[4] 26.1.2011

*ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x' inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli. (App. Krim . "Il-Pulizija vs. Brian Caruana" [23.5.2002]).'"*

Illi minn analizi tac-cirkostanzi li fihom il-qua imputat instab fil-pussess tas-sustanza hawn fuq imsemmija, jirrizulta (1) l-imputat kien qed jikkonsma (permezz ta' siringa) sustanza illegali hekk kif il-pulizija dahlu fuqu; (2) kien fil-pussess ta' ammont sostanzjali ta' flus kontanti; u (3) instabu xi oggetti relatati mad-droga fosthom zewg imwiezen. Indubbjament l-ammont ta' flus kontanti huwa wiehed li jqanqal suspett li l-imputat jistgha jkun qed jispacca d-droga. Madanakollu din il-Qorti ma tistax tinjora c-cirkostanzi l-ohra – fosthom l-ammont zghir ta' droga li ma kinitx imqassma f'pakketti zghar lesti ghall-ispacc, is-sustanza kienet imferxa mal-kamra tal-lukanda kollha m'oggetti li jindikaw li l-istess sustanza kienet qed tigi kkunsmata hemm hekk stess (ez. Pipa, siringi u mgharfa). Huwa minnu ukoll li l-qua imputat kellu zewgt imwiezen sabiex ikun jistgha jkejjel id-droga madanakollu ma nstabux sachets vojta li jindikaw li kienu ser jintuzaw sabiex is-sustanza tigi mqassma. Tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi kollha din il-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova li d-droga kokaina u eroina nstabu f'cirkostanzi li jindikaw li ma kienux ghall-uzu esklussiv ta' Whiteford. Konsegwentament ser jigi illiberat mill-ewwel u t-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu. Mhux l-istess jistgha jinghad ghall-pussess semplici, fejn kollox jindika li l-qua imputat kien qed jikkonsma l-istess sustanza hekk kif wasslu il-pulizija. Di piu' fl-istqarrija tieghu Whiteford ukoll jammetti li l-istess sustanza kienet intiza ghall-uzu personali tieghu. Ghaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova t-tielet u r-raba' imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-qua imputat sal-grad rikjest mil-ligi.

Permezz tal-hames imputazzjoni, Whiteford gie akkuzat li kien fil-pussess ta' arma tan-nar minghajr id-debita licenzja ai termini tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta. Mill-provi mressqa jirrizulta car li Whiteford, fil-hin tat-tfittxija mill-pulizija nstab fil-pussess t'arma tan-nar. RPC 3166 Marsha Mallia

kkonfermat li l-imputat ma ghandhux licenzja a tenur tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta. Konsegwentament l-imputat ser jinsab hati ta' din l-imputazzjoni.

Permezz tal-imputazzjonijiet numru sitta sa tmienja, Whiteford qed jigi akkuzat li kiser il-kundizzjonijiet impost fuqu minn diversi Qrati ai fini ta' helsien mill-arrest. Mix-xhieda mghotija mill-ufficjali prosekuturi jirrizulta li l-imputat kien waqaf jiffirma, waqaf jattendi ghas-seduta iffissati kemm mill-Qorti u anke mill-Probation Officer.

Illi mill-atti processwali gew ipprezentati l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti mill-Onor. Imhallef Edwina Grima u l-Onor. Imhallef Aaron M. Bugeja. Fit-tlett digrieti l-imputat odjern kien obbligat fost affarijiet ohra li ma jaghmilx delitt iehor. Il-Probation Officer Matthew Fleri Soler fix-xhieda tieghu ukoll jaghmel referenza ghal tlett Ordnijiet ta' Supervizzjoni minn Frar 2022 sallum u jispjega li l-imputat qatt ma zamm kuntatt maghhom. Ghaldaqstant l-imputazzjonijiet numru sitta sa tmienja gew pruvati sal-grad rikjest mil-ligi.

In kwantu ghad-disa' imputazzjoni (ksur ta' sentenza sospiza) u ghall-ahhar imputazzjoni li tirrigwarda r-recidiva din il-Qorti qed tillbera lil qua imputat minn din l-imputazzjoni galadarba a skorta ta' gurisprudenza stabilita l-fedina penali ma hijiex bizzejjed sabiex tigi pruvata din l-imputazzjoni sal-grad rikjest mil-ligi. Konsegwentament l-imputat ser jigi illiberat anke minn din l-imputazzjoni.

Ai fini ta' piena din il-Qorti ser tqis l-imputazzjonijiet taghhom qed jinsab hati, l-fedina penali estensiva tal-imputat kif ukoll ix-xhieda mressqa ai fini tat-talba tal-artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti ser tqis ukoll li l-imputat ghandu vizzju serju ta' dipendenza fuq sustanzi illeciti, liema vizzju ormai ilu ghal diversi snin. Jirrizulta ukoll li kien hemm diversi tentattivi sabiex huwa jindirizza din il-problema madanakollu minn dak li jirrizulta mill-provi mressqa huwa dejjem naqqas milli jkollu d-determinazzjoni mehtiega biex jaghmel dan.

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi, wara li rat l-artikoli wara li rat l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta; r-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02; u l-artikolu 579 u 580 tal-Kodici Kriminali qed issib lil qua imputat Alexander Anthony Gialanze Whiteford hati tat-tielet, ir-raba', l-hames, is-sitt, is-seba' u t-tminn imputazzjoni fil-konfront tieghu u filwaqt li qed tilliberah mill-ewwel, it-tieni, d-disa' u l-ghaxar imputazzjoni

migjuba kontrieh. Ghaldaqstant qed tikkundanah ghal seba' xhur prigunerija effettiva. Kif ukoll qed tordna l-konfiska ta' parti mill-garanzija personali imposta permezz ta' digrieti tal-helsien mill-arrest u cioe' l-ammont ta' Eur. 4,000.

A tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali dina l-Qorti qeghda tordna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' l-esperti fil-proceduri odjerni fi zmien tmintax-il xahar millum.

Il-Qorti tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti u qed tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza sa mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.

Christine Farrugia
Deputat Registratur